MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Rikors Numru. 126/2013

Rikors Nru : 126/13 AL

**Ab**

**-vs-**

**Cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Jannar, 1977;

Illi l-partijiet isseparaw nhar il-21 ta' Dicembru, 1995 bis-sahha ta' kuntratt tan-Nutar Bartolomeo Micallef (DOK A) u kwindi ilhom separati ghal ferm iktar minn erba' snin mill-ahhar hames snin;

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal it-tnejn maggorenni;

Illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment;

Illi m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju taz-zwieg de quo;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Rat illi l-intimata permezz tal-avukat difensur taghha iddikjarat illi ma kellhiex l-ebda intenzjoni illi tipprezenta risposta f'dawn il-proceduri u ma dehritx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet isseparaw fil-21 ta’ Dicembru 1995 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------